OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-19 ta' Ġunju 2015

dwar reġistru tal-kreditu ċentrali

(CON/2015/20)

Introduzzjoni u bażi legali

Fit-8 ta' April 2015, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-Bank Ċentrali ta' Malta (BĊM) għal opinjoni dwar abbozz ta' liġi li jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Kap. 204 tal-Liġijiet ta' Malta) u abbozz tad-Direttiva Nru 14 tal-Bank Ċentrali ta' Malta dwar reġistru tal-kreditu ċentrali (iktar 'il quddiem l-"abbozz ta' liġi" u l-"abbozz ta' direttiva" rispettivament, u li flimkien jissejħu l-"abbozzi ta' liġijiet").

Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-tielet, ir-raba' u s-sitt inċiżi tal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE[1], billi l-abbozzi ta' liġijiet huma relatati mal-BĊM, il-ġbir, il-kumpilazzjoni u d-distribuzzjoni ta' statistika finanzjarja u bankarja, u r-regoli applikabbli għal istituzzjonijiet finanzjarji safejn dawn jaffettwaw b'mod materjali l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet u s-swieq finanzjarji. B'mod konformi mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

1. L-iskop tal-abbozzi ta' liġijiet

1.1 *L-abbozz ta' liġi*

1.1.1 L-abbozz ta' liġi jipprovdi għall-istabbiliment u t-tħaddim ta' reġistru tal-kreditu ċentrali (iktar 'il quddiem ir-"Reġistru") fi ħdan il-BĊM. Fir-Reġistru ser ikun hemm informazzjoni mhux anonimizzata u mikrodejta dwar l-iskoperturi attwali u kontinġenti ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, kemm jekk residenti f'Malta kif ukoll jekk le, li jirriżultaw minn faċilitajiet ta' kreditu u faċilitajiet oħrajn mogħtija lilhom minn istituzzjonijiet ta' kreditu. Ir-Reġistru ser jintuża biex jappoġġa (a) iċ-ċentralizzazzjoni ta' informazzjoni dwar skoperturi ta' kreditu, (b) l-analiżi tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, (c) l-implimentazzjoni tal-politika monetarja, (d) il-kumpilazzjoni ta' statistika u (e) il-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu.

1.1.2 L-abbozz ta' liġi jawtorizza lill-BĊM biex jipprovdi aċċess għall-informazzjoni miżmuma fir-Reġistru lil banek ċentrali nazzjonali u istituzzjonijiet oħrajn ta' Stati Membri li jkollhom databases kumparabbli, fuq il-bażi ta' reċiproċità. L-abbozz ta' liġi jagħti wkoll is-setgħa lill-BĊM biex jiġbor informazzjoni mill-Uffiċċju tal-Istatistika Nazzjonali, meta dan ikun meħtieġ għall-qadi tad-dmirijiet

1 Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE tad-29 ta' Ġunju 1998 dwar il-konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew minn awtoritajiet nazzjonali dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Volum 001 P. 446).

tal-BĊM b'rabta mar-Reġistru. L-abbozz ta' liġi jiżgura li dawk li jissellfu jkollhom id-dritt li jiksbu l-informazzjoni dwar l-iskoperturi tagħhom stess li tkun miżmuma fir-Reġistru.

1.1.3 L-abbozz ta' liġi jawtorizza lill-BĊM biex joħroġ direttivi li jimponu rekwiżiti fuq istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet oħrajn biex jipprovdu informazzjoni lir-Reġistru, u li jistipulaw il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' aċċess għad-dejta miżmuma fir-Reġistru, inkluża l-impożizzjoni ta' tariffi.

1.2 *L-abbozz ta' direttiva*

1.2.1 L-abbozz ta' direttiva jeħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jirrapportaw lill-BĊM, darba fix-xahar, il-bilanċi ta' tmiem ix-xahar ta' skoperturi relatati mal-għoti ta' faċilitajiet ta' kreditu. Jiffissa wkoll ir-regoli dwar id-dritt ta' aċċess tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għad-dejta miżmuma fir-Reġistru. Dawn ir-regoli jikkjarifikaw li (a) id-dejta li għandha tiġi aċċessata mhux ser tinkludi referenza għall-istituzzjoni ta' kreditu li tkun tat il-faċilità ta' kreditu[2], (b) l-informazzjoni aċċessata minn istituzzjonijiet ta' kreditu ma tistax tintbagħat lil terzi u għandha tintuża biss għall-iskop li jiġi vvalutat ir-riskju ta' kreditu[3], (c) ser jiġu stabbiliti perijodi ta' żamma[4] u (d) huwa meħtieġ il-kunsens bil-miktub tal-persuna li tkun ħadet is-self[5] qabel ma istituzzjoni ta' kreditu tkun tista' taċċessa dejta relatata mal-iskoperturi ta' kreditu ta' dik il-persuna. L-abbozzi ta' liġijiet huma wkoll mingħajr preġudizzju għal-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta[6] u kull istituzzjoni ta' kreditu għandha taħtar massimu ta' tliet impjegati bħala rappreżentanti awtorizzati għall-iskop li jaċċessaw ir-Reġistru[7].

1.2.2 Il-BĊM ser jimponi tariffi fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu meta jaċċessaw ir-Reġistru, fuq il-bażi ta' tariffi annwali kkalkulati fuq il-bażi tal-ispiża mġarrba mill-BĊM biex iżomm ir-Reġistru, flimkien mas-sehem tal-istituzzjoni ta' kreditu fl-iskopertura għall-kreditu matul is-sena kalendarja ta' qabel, u tariffi ta' aċċess fir-rigward ta' talbiet speċifiċi. L-ammont preċiż tat-tariffi għadu ma ġiex stabbilit.

2. Osservazzjonijiet ġenerali

2.1 Il-BĊE jilqa' l-abbozzi ta' liġijiet. Ir-Reġistru ser jippermetti lill-BĊM biex joħloq database nazzjonali ta' mikrodejta dwar il-kreditu tat-tip kif imsemmi fid-Deċiżjoni BĊE/2014/6[8], li fir-rigward tagħha l-BĊM għandu deroga sat-30 ta' Ġunju 2016 taħt l-Artikolu 3(3). Permezz tad-Deċiżjoni BĊE/2014/6 indirizzata lill-banek ċentrali tal-Eurosistema, huwa meħtieġ li jittieħdu miżuri preparatorji minn dawk il-banek ċentrali sabiex, fil-qafas ta' żmien mogħti, jinkisbu dawn: (a) databases nazzjonali ta' mikrodejta dwar il-kreditu li jitħaddmu minnhom ilkoll, u (b) database komuni ta' mikrodejta dwar il-kreditu li tkun maqsuma bejniethom ilkoll u li tinkludi mikrodejta dwar il-kreditu għall-Istati Membri

2 Artikolu 8 tal-abbozz ta' direttiva.
3 Artikolu 8 tal-abbozz ta' direttiva.
4 Artikolu 7 tal-abbozz ta' direttiva.
5 Artikolu 9 tal-abbozz ta' direttiva u l-Anness II tiegħu.
6 Artikolu 3 tal-abbozz ta' direttiva.
7 Artikolu 10 tal-abbozz ta' direttiva.
8 Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2014/6 tal-24 ta' Frar 2014 dwar l-organizzazzjoni ta' miżuri ta' tħejjija għall-ġbir ta' mikrodejta dwar il-kreditu għall-iżvilupp u l-produzzjoni tal-istatistika mis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (ĠU L 104, 8.4.2014, p. 72).

kollha li l-munita tagħhom hija l-euro. Barraminnhekk, fil-kuntest Malti[9], ir-Reġistru għandu jikkontribwixxi wkoll għall-funzjoni tal-BĊM li jiżgura l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja Maltija[10].

2.2 Mill-perspettiva tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, ir-Reġistru ser jippermetti valutazzjonijiet aktar infurmati tar-riskju tal-kreditu, kemm f'termini tad-deċiżjoni inizjali li tingħata faċilità ta' kreditu kif ukoll f'termini ta' valutazzjonijiet kontinwi ta' skoperturi eżistenti. Ir-Reġistru għalhekk itejjeb il-kapaċitajiet ta' ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.

2.3 Il-BĊE attwalment qiegħed jiżviluppa qafas legali għal żmien twil għall-ġbir ta' mikrodejta dwar il-kreditu u r-riskju mill-BĊE u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali. Dan il-qafas ser jiddefinixxi rekwiżiti ta' rapportar armonizzati għal dejta ta' kreditu fl-Istati Membri kollha li jirrapportaw. L-iffinalizzar ta' dan il-qafas legali għal żmien twil jista' jkollu impatt fuq l-abbozzi ta' liġijiet, pereżempju billi jeħtieġ li jinġabru attributi ta' dejta addizzjonali u/jew li jintuża ċiklu ta' feedback differenti għall-aġenti li jirrapportaw. Dan ifisser li jista' jkun meħtieġ li l-abbozzi ta' liġijiet jiġu emendati fil-futur qrib.

3. Skambju ta' informazzjoni

3.1 L-abbozz ta' liġi jipprovdi li l-BĊM jista' jipprovdi informazzjoni miżmuma fir-Reġistru lil banek ċentrali nazzjonali u istituzzjonijiet oħrajn ta' Stati Membri li jkollhom databases kumparabbli, fuq il-bażi ta' arranġamenti reċiproki. F'dan ir-rigward, il-BĊE jinnota li l-ambitu tad-dejta miġbura minn reġistri ta' kreditu differenti ser ikompli jvarja bejn l-Istati Membri sakemm tinkiseb armonizzazzjoni ulterjuri, bir-riżultat li l-iskambju ta' informazzjoni taħt din id-dispożizzjoni jista' ma jkunx possibbli f'ċerti każijiet. Barra minn hekk, peress li l-BĊE preżentament ma għandux reġistru kumparabbli, huwa ma jistax jiġi pprovdut b'informazzjoni fir-Reġistru fuq il-bażi ta' dik id-dispożizzjoni partikolari.

3.2 Il-BĊE jinnota li l-informazzjoni fir-Reġistru tikkostitwixxi għodda utli għas-superviżjoni mikroprudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. Minn perspettiva ta' stabbiltà finanzjarja u makroprudenzjali, l-informazzjoni fir-Reġistru għandha tippermetti l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-akkumulazzjoni ta' riskju ta' kreditu u l-inklinazzjoni lejn dan fis-sistema bankarja b'mod ġenerali, u b'hekk jgħin fil-kalibrazzjoni tal-użu ta' strumenti makroprudenzjali. L-abbozz ta' liġi ma jinkludix dispożizzjoni espliċita li tippermetti li l-informazzjoni fir-Reġistru tiġi aċċessata mill-BĊE jew mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA), is-superviżur nazzjonali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Madankollu, taħt l-Artikolu 37(1) tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, il-BĊM huwa meħtieġ li jgħaddi lill-MFSA kwalunkwe informazzjoni fil-pussess tiegħu jew li jkollu aċċess għaliha kull meta jintalab biex jagħmel dan mill-MFSA fil-qadi tad-dmirijiet tagħha skont il-liġi[11]. Il-BĊE jifhem ukoll li, soġġett għal rekwiżiti tal-protezzjoni tad-dejta, il-BĊE jista', fil-qadi tad-dmirijiet superviżorji tiegħu relatati ma' istituzzjonijiet ta' kreditu, jeħtieġ li l-MFSA titlob u tgħaddi

9 Skont iċ-ċirkustanzi, dan jista' jkun il-każ ukoll għal Stati Membri u banek ċentrali oħrajn taż-żona tal-euro.

10 Artikolu 5(1)(c) tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Kap. 204 tal-Liġijiet ta' Malta).

11 Dispożizzjoni simili tinsab ukoll fl-Artikolu 18(1) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap. 330 tal-Liġijiet ta' Malta).

informazzjoni li tkun tinsab ir-Reġistru[12]. Dan il-punt huwa relevanti wkoll fil-kuntest tal-kompiti makroprudenzjali mogħtija lill-BĊE fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013[13], li jeħtieġ li l-BĊE jqis is-sitwazzjoni speċifika tas-sistema finanzjarja, is-sitwazzjoni ekonomika u ċ-ċiklu ekonomiku fl-Istati Membri individwali jew parti minnhom.

3.3 Rigward l-aċċess tal-BĊE għall-informazzjoni li tinsab fir-Reġistru għall-finijiet ta' statistika u tal-politika monetarja (b'distinzjoni minn dawk superviżorji), il-BĊE jinnota li jista' jkun intitolat li jaċċessa ċerta informazzjoni li tinsab fir-Reġistru taħt l-Artikolu 41 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, li jipprovdi li l-BĊM jista' jiżvela informazzjoni lil "korpi internazzjonali jew oħrajn" meta dan ikun meħtieġ skont obbligi internazzjonali. Mingħajr preġudizzju għal kunsiderazzjonijiet ta' protezzjoni tad-dejta, il-BĊE jifhem li din id-dispożizzjoni tillimita l-aċċess tal-BĊE għar-Reġistru għal każijiet fejn il-BĊM ikun meħtieġ li jiżvela informazzjoni lill-BĊE. Għaldaqstant għandu jiġi kkunsidrat li jiġu emendati l-abbozzi ta' liġijiet jew l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta sabiex tiġi żgurata bażi legali aktar ċara għad-drittijiet tal-BĊE ta' aċċess għall-informazzjoni li tinsab fir-Reġistru, kif sar fi Stati Membri oħrajn[14].

4. Osservazzjonijiet addizzjonali speċifiċi

4.1 L-ambitu tal-abbozz ta' direttiva huwa ristrett għal istituzzjonijiet ta' kreditu, waqt li l-abbozz ta' liġi jippermetti lill-BĊM biex jimponi rekwiżiti ta' rapportar fuq "istituzzjonijiet ta' kreditu u oħrajn". Il-BĊM jista' jogħġbu jikkunsidra li jestendi l-obbligi ta' rapportar għal istituzzjonijiet finanzarji li ma humiex istituzzjonijiet ta' kreditu.

4.2 Il-BĊE jinnota li wħud mid-definizzjonijiet tal-attributi tad-dejta li għandhom jiġu rrapportati taħt l-abbozz tad-direttiva, b'mod partikolari varjabbli tad-dejta dwar il-kreditu u miżuri dwar id-dejta tal-kreditu[15], jistgħu jiġu ddefiniti b'mod aktar speċifiku sabiex jiġi żgurat rapportar aktar konsistenti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu. B'mod partikolari, l-attribut ta' dejta "aġġustament speċifiku tar-riskju tal-kreditu" huwa ddefinit b'mod wiesa' ħafna.

Din l-opinjoni ser tiġi ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-BĊE.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 19 ta' Ġunju 2015.

[iffirmat]

Il-President tal-BĊE
Mario DRAGHI

---

12 Dan huwa mifhum abbażi tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63) u l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas tal-MSU) (BĊE/2014/17) (ĠU L 141, 14.05.2014, p. 1).

13 Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p.63).

14 Ara pereżempju l-Opinjoni CON/2013/93, paragrafu 2.1 u l-Opinjoni CON/2014/57, paragrafu 2.2.

15 Anness 1 tal-abbozz ta' direttiva.